**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 28 ta' Jannar 2020.**

**Rikors nru: 174/2017 AGV**

**AB**

**Vs**

**CD sive DE**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors guramentat ta' AB** datat 18 ta' Lulju 2017, fejn esponiet bir-rispett u ikkonfermat;

1. Illi l-esponenti u l-konvenut izzewwgu nhar it- 28 ta' Marzu 2014 permezz tar-registru pubbliku u dan kif jidher mic-certifkat anness Dok A. u minn daz-zwieg il-partijiet ma kellhomx tfal.
2. Illi l-partijiet ghamlu circa sentejn gharajjes;
3. Illi l-partijiet resqu ghall-iffirmar ta' kuntratt ghas-seperazzjoni tal-beni nhar it- 12 ta' Marzu 2015 (vide Dok B);

4. Illi ftit taz-zwieg il-konvenut bidel l-attitudni tieghu drastikament tant illi huwa rrizluta persuna totalment differenti u cioe' possessiv, vjolenti u abbuzi fil-konfont tar-rikorrenti, u dn kuntrarjament ghal dak li kien qabel iz-zwieg;
5. Illi kien hemm bosta affarijiet illi l-esponenti ma kienetx taf dwar il-konvenut li hija skoprtihom biss wara li gie ccelebrat iz-zwieg bejniethom;
6. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal daz-zwieg ma kienx wiehed verament shih u liberu izda wiehed kundizzjonat minn bosta fatturi u cirkustanzi kif ser jigi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni ta' dil-kawza;
7. Ill l-konvenut inganna lill-esponenti kemm qabel iz-zwieg kif ukoll wara z-zwieg stante illi huwa qatt ma dahal ghaz-zwieg konspevoli mid-dmirijiet, id-drittijiet u responsabiltajiet tal-hajja mizzewwga;
8. Illi l-kunsens tar-rikorrenti nkiseb b' qerq dwar xi kwalita' tal-konvenut li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewwga;
9. Illi l-medjazzjoni bejn il-partijiet fl-ismijiet; *AB vs CD (Ittra nru: 1648/2016 BOB)* giet maghluqa nahr il-31 ta' Mejju 2017;
10. Illi ghal ragunijiet hawn esposti u kif ser jigi ampjament pruvat waqt it-trattazzjoni ta' dil-kawza, iz-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti datat 28 ta' Marzu 2014, huwa wiehed null u bla effett u dan ai termini tal-provvedimenti tal-artikolu 19 (1) tal-Kap. 225 tal-Ligijiet t' Malta b' mod generali u b' mod partikolari ai termini tal-paragrafi c u / jew (d) u/ jew(f) u / jew (g), tal-imsemmi artikolu 19 (1) tal-Kap. 225 tal-Ligijiet ta' Malta;
11. Illi l-esponenti tikkonferma bil-gurament taghha l-fatti kollha kif kontenuti f' dar-rikors guramentat.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti;

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti tat- 28 ta' Marzu 2014 huwa null u bla effett skont il-Ligi, u dan a tenur tal-artikolu 19 (1) tal-Kap. 225 tal-Ligijiet ta' Malta b' mod generali u b' mod

partikolari  a tenur tal-provvedimenti tal-paragrafi (c) u / jew (d) u/ jew(f) u/ jew (g), tal-imsemmi artiklu 19 (1) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Konsegwentament tordna li issir annottazzjoni opportuna fatt taz-zwieg relattiv tal-kontendenti.

Il-konvenut hawn minn issa ingunt ghas-subizzjoni.
Bl-ispejjez.

**Rat ir-risposta guramentata ta' DE** datata 5 ta' Settembru 2017 fejn espona br-rispett;

1. Illi l-esponenti jaqbel li l-partijiet izzewwgu nhar it-tmienja u ghoxrin ta' Marzu 2014, wara sentejn ta' gherusija. Jinghad illi fl-gherusija il-kontendenti, ikkoabitaw flimkien felicement, liema relazzjoni kienet ikkaratterizzata minn imhabba u minn rispett reciproku, u kienet ix-xewqa tal-partijiet illi din l-gherusija timmatura f' relazzjoni konugjali kif fil-fatt sar;
2. Illi l-esponenti jqabel ukoll illi bejn il-partijiet hemm kuntratt ta' seperazzjoni tal-beni li gie ffirmat wara z-zwieg;
3. Illi madankollu l-esponenti ma jaqbilx mal-allegazzjonijiet u pretensjonijiet imressqa minn martu li huma intizi biss biex joskuraw u jhammguh ma' dil-Onorabbli Qorti;
4. Illi l-esponenti jikkontendi illi ghalkemm iz-zwieg tal-partijiet ma rnexxix minhabba ragunijiet attriwibbli lir-rikorrenti, iz-zwieg ikkuntrattat mill-partijiet ma humiex null, tant li r-rikorrenti qed tibbaza l-azzjoni taghha fuq prattikament kull sezzjoni tal-artikoli 19 tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta bit-tama li tolqot wahda minnhom;

Għaldaqstant l-esponent qed jopponi għat-talbiet kif impustati fir-rikors guramentat u qed jopponi ukoll għall-ispejjez tal-proceduri odjerni.

Salv ecccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat l-atti tal-medjazzjoni numru 1648/16.

Rat in-noti tas-sottomissjonijiet bil-miktub tal-partijiet.

**IKKUNSIDRAT;**

Illi din il-kawza tittratta talba ghal dikjarazzjoni ta' nullita' taz-zwieg bejn il-partijiet. Din it-talba qed issir a bazi tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 19 tal-Kap 255, precisament is-sub-incizi (c), (d), (f) u (g) ta' dak l-Artikolu.

Il-fatti tal-kaz huma s-segwenti. L-attrici hija xjentista lawreata u kienet tahdem l-Universita' ta' Malta. Il-konvenut huwa ta' nazzjonalita' Sirjana u jahdem bhala 'plumber' u 'electrician'. Il-partijiet kienu ltaqghu fl-2012 u wara ftit taz-zmien bdew jghixu flimkien bhala koppja, sa ma zzewgu fit-28 ta' Marzu tal-2014. Sena wara, fit-12 ta' Marzu 2015, huma ffirmaw kuntratt tas-separazzjoni tal-beni. Minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal.

Jidher li fis-sajf tal-2016, ir-relazzjoni ta' bejniethom bdiet sejra ghall-aghar, fejn f'Ottubru ta' dik is-sena l-attrici bdiet taghmel rapporti kontra zewgha dwar agir vjolenti fil-konfront taghha. Fis-27 ta' Ottubru 2016 l-attrici fethet proceduri ta'

medjazzjoni fil-Qorti tal-Familja, fejn waqt il-proceduri ta' rikors imressaq minnha fil-11 ta' Jannar 2017, il-konvenut hareg mid-dar matrimonjali, li kienet proprjeta' parafernali taghha, u aktar tard saret din il-kawza.

**PROVI**

**L-attrici AB** ressqet ix-xiehda taghha permezz ta' affidavit. Hi tghid li l-konvenut inbidel kompletament wara z.zwieg. Tghid li meta kienu johorgu flimkien u jghixu flimkien, il-konvenut kien persuna gentili, vulnerabbli, biezel u hawtiel fix-xoghol tieghu. Hi ma kienetx riedet tizzewweg, izda hu kien persistenti maghha w kien ipperswadiha bil-gentilezza tieghu, u ghalhekk marru l-Italja flimkien sabiex jiksbu l-karti biex hu jkun jista' jizzewweg hawn Malta. Tghid li hu kien fetah qalbu maghha u kienet saret taf minn xiex ghadda biex harab mill-gwerra fis-Sirja, u thassritu. Tghid ukoll li ma saret ebda cerimonja taz-zwieg, ghax hi ma kienetx tat importanza ghaz-zwieg civili ta' bejniethom, izda ratha bhala semplici formalita' ta' unjoin bejn zewg persuni li jirrispettaw lil xulxin, tant li ma kien hemm had tal-familja taghha presenti ghaz-zwieg, hlief huha li qaghad xhud, u wara komplew jghixu normali flimkien.

L-attrici tghid li D inbidel minn lejl ghal nhar. Beda jixrob, ipejjep il-haxixa, jidghi, sar vjolenti fil-konfront taghha, u hi hassitha priguniera u mhedda f'darha. Kellu incident bil-vettura ta' kuginuh, u ghalhekk bdiet tqum aktar kmieni biex bdiet twasslu hi ghax-xoghol. Imbaghad kien korra serjament fuq ix-xoghol, u ghamel gimghat l-isptar jirkupra. L-attrici haditu ghand psikjatra sabiex tghinu jfiq, izda hu kien waqaf minn jeddu u ma hax aktar kura. Il-kontijiet u spejjez tad-dar kienet thallashom kollha hi. Il-konvenut kien anke habat bil-vettura taghha u kellha taghmel tajjeb hi ghall-ispejjez kollha. Ir-relazzjoni bejniethom baqghet sejra ghall-aghar, sa ma harbet mid-dar taghha f' Ottubru 2016, u bdiet il-

medjazzjoni. Kienet anke ghamlet rapport mal-Pulizija u l-Qorti tal-Magistrati kienet harget Ordni ta' Protezzjoni favuriha fl-4 ta' Lulju, 2017.

L-attrici ppresentat ukoll affidavit t'ommha, FB, li jikkorrobora l-verzjoni ta' fatti kif qalithom l-attrici. Qalet li ghal-ewwel li kienu jigu ghandhom bintha u D, hu kien kwiet u misthi hafna. Wara li zzewgu, bejn it-tifla taghha u l-konvenut kien inqala' hafna glied u nkwiet, u qalet li A kienet inbidlet u saret mifxula. Meta l-glied bejniethom kien eskala hafna, hasset li kellha tintervjeni bejniethom, u A spiccat telqet mid-dar matrimonjali.

Il-kumplament tax-xhieda l-ohra mressqa mill-attrici kienu kollha dwar il-permess ta' residenza tal-konvenut, salv Pulizija li esebiet rapport li saru minnha fil-konfront tieghu.

**Il-konvenut CDE** ukoll xehed permezz ta' affidavit. Kontra ta' dak li qalet l-attrici, hu jghid li kienet hi li riedet li jmur jghix maghha u wara li jizzewgu. Jghid ukoll li ghamlu zmien jghixu bhala koppja normali mizzewgin, u kienu jhobbu lil xulxin. Kienu jaghmlu kollox flimkien. Hu kien ghamel xoghol fid-dar taghha, u kien jaghtiha l-flus kollha tal-paga tieghu. Gieli kien isajjar hu wkoll, peress illi hi kienet tigi tard mix-xoghol. Kien imur tajjeb hafna mal-familja taghha, izda wara Mejju 2016, dan inbidel, u l-familja taghha – hlief ghal huha G – ma baqghux jimxu tajjeb mieghu. Il-konvenut jikkonferma li hi kienet wegghet sieqha, izda qal li hu kien jiehu hsiebha dak iz-zmien, u kkonferma wkoll li kellu incident serju meta' waqa' zewg sulari fuq ix-xoghol, u jghid li hi ma kienetx tatu l-attenzjoni li kellu bzonn. Kien baqa' jittama li huma jirrangaw l-affarjiet bejniethom, izda wara Ottubru 2017 lil A ma rahiex aktar hlief fil-Qorti. Qal ukoll li hu f' Jannar 2017 hareg mid-dar matrimonjali minn jeddu, u li kien qalilha b'dan, izda hi xorta ghamlet rikors fl-atti tal-medjazzjoni ghall-izgumbrament

tieghu. Jghid ukoll li ma huha baqa' hbieb, u li huha stess kien skuza ruhu mieghu ghax tal-familja ma rieduhx jitkellem aktar mieghu.

Waqt il-kontro-ezami tal-attrici, il-konvenut esebixxa kopji ta' tlitt "chats" li kien hemm bejniethom. Wahda datata 7 ta' Jannar 2017 turi li D kien qal lil A li hu kien telaq mid-dar matrimonjali. Ohra datata 5 ta' Novembru 2016 turi li l-attrici kienet hallietu juza l-vettura taghha. L-ahhar wahda datata16 ta' Ottubru 2016 turi huma kien qed ikollhom relazzjoni intima ma' xulxin f'dak iz-zmien. Dawn jinsabu esebiti a fol. 274 *et seq* tal-process. Waqt il-kontro-ezami ta' FB, omm l-attrici, il-konvenut esebixxa kopja ta' "chat" twila bejnu u ommha, tul il-perjodu bejn Gunju 2015 u Mejju 2016. F'dan id-dokument jidher li omm l-attrici issaqsi lill-konvenut ghal bintha biex tara kif inhi, u l-konversazzjoni tidher wahda civili. Dawn huma esebiti a fol. 383 *et seq* tal-process.

**IKKUNSIDRAT**

Mill-atti jirrisulta li z-zwieg ta' bejn il-partijiet tkisser b'mod irrimedjabbli. Dan jidher car kemm mix-xiehda tal-partijiet stess, li xehdu permezz ta' affidavit u gew kontro-ezaminati viva voce quddiem il-Qorti, kif ukoll mid-dokumenti esebiti minnhom, l-aktar il-messaggi ta' bejniethom. Din il-kawza, izda, mhix wahda ghal firda personali, izda hija wahda dwar nullita' taz-zwieg. Ghalhekk, biex din il-kawza tirnexxi, jrid jigi ppruvat li kien hemm difett serju f'wahda mill-partijiet qabel ma dawn izzewgu.

L-attrici qed tibbaza l-azzjoni taghha fuq erba' kapi ta' nullita' taz-zwieg, u cioe' dawk imnissla mill-Artikolu 19(1)(c), (d), (f) u (g) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta. Dawn is-subincizi jittrattaw erba' xenarji differenti minn xulxin, u l-Qorti trid tesamina l-provi mressqa mill-partijiet fid-dawl ta' kull kap ta' nullita', biex tara jekk l-azzjoni tistax tirnexxi taht wahda jew taht l-ohra.

Illi proprju dawn l-erba' kapi ta' nullita' kienu gew trattati fis-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **"AB vs CB"** datata28 ta' Frar 2006 (1559/96NC):

**"Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

*Qerq*

"Illi l-ewwel kawzali promossa mill-attrici hija bazata fuq iddispost tal-paragafu [c] li jikkontempla bhala wahda mirragunijiet validi ghall-annullament taz-zwieg il-vizzju talkunsens ta' wahda mill-partijiet, li jkun inkiseb "b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorti taghha tfixxkel serjament il-hajja mizzewga."

"In propositu jinsab ritenut fil-kawza *App.C.Joseph Zammit vs Bernardette Zammit [27.01.2006]* li biex tissussisti ssitwazzjoni ravvizata fil-para.[c] iridu jikkonkorru erba affarijiet:
[1] il-qerq perpetrat bil-hsieb li wiehed jikseb ilkunsens tal-parti;
[2] li l-qerq tkun incida fuq il-kunsens talpartijiet;
[3] li l-qerq ikun jirrigwarda xi kwalita' tal-parti lohra;
u [4] li din il-kwalita' tkun tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga.
Il-qerq ravvizat fl-art.19[1][c] jindici direttament fuq l-intellett ta' xi wahda mill-partijiet fiz-zwieg, u ndirettament fuq il-volonta' tal-persuna ngannata. Ghalhekk f' din iddisposizzjoni dak li jintlaqat direttament mhux il-kunsens izda l-intellett. *"Il dolo causa direttament errore nell'intelletto del paziente, il quale ex errore consente. Con la particella "ex" vogliamo significare l'immediate causalita' dell' errore sul consenso. L'atto di consentire pero' e' atto definittivamente di volonta', [Castano – Il*

*Sacremento delMatrimonio].* Dan il-qerq jista' jigi kemm minn naha ta' wahda mill-partijiet fiz-zwieg kif ukoll minn terza persuna.
*"In definittiva, quello che conta e che il dolus abbia influsso nel consenso, cioe' che il consenso matrimoniale provenga dall'errore doloso, senza il quale il consenso non sarebbe mai stato espresso."*

"Fil-kaz in disamina, jigi rilevat ab inizio li l-fatt ammess mill-istess konvenut li dan isofri minn infertilita' bil-konsegwenza li ma jistax jikkoncepixxi tfal, jikkostitwixxi dik il-"kwalita" fil-parti l-ohra li tista' tifixkel serjament il-hajja konjugali; u ghalhekk minn dan l-aspett, din il-parti tal-ligi tirrizulta sodisfacentement provata. Izda sabiex jikkonfigura dan il-*caput nullitatis* jehtieg li jigi provat, mhux biss l-ezistenza tal-kwalita' fit-termini tal-imsemmi paragrafu, izda wkoll li in effetti kien gie prattikat qerq jew ingann fuq l-attrici biex inkiseb il-kunsens taghha ghaz-zwieg.

"Jigi osservat li in subjecta materja l-principju jibqa' dak sancit fl-Art.981(2) tal-Kap.16, jgifieri li l-ghemil doluz ma jistax ikun prezunt, imma ghandu jigi ppruvat. Ghalhekk fil-kaz in disamina l-attrici ghandha l-oneru li tipprova li l-konvenut, mhux biss kien isofri mill-infertilita', izda li kien konxju ta' dan il-fatt qabel iz-zwieg u li kien nganna lill-attrici f' dan ir-rigward, sabiex dina tghati l-kunsens taghha ghaz-zwieg. Il-Qorti tosserva li l-pretensjoni attrici f' dan ir-rigward hija bazata fuq inferenzi jew ahjar kongetturi li hi ddeduciet minn certu fatti relattivi ghall-komportament tal-konvenut, li pero' ma jwasslux sabiex jintegraw din il-prova.

"Mill-provi rrizulta li meta l-attrici kienet ssuggeriet lill-konvenut sabiex jssottomettu ruhhom ghall-testjiet medici dwar il-fertilita', u dana wara

suggeriment li kien sar lill-koppji waqt kors ta’ Kana li l-partijiet kienu attendew, il-konvenut ma riedx jaghmel dawn it-testijiet, u skond l-attrici huwa kien hadha bil-kbir meta l-attrici ghamlet dan is-suggeriment. Il-konvenut min-naha tieghu jghid li huwa ma hassx li kien necessarju li jaghmel dawn it-testijiet peress li hu jghid li ma kien hemm xejn hazin fih. Inoltre, l-attrici tghid li anke qabel iz-zwieg il-konvenut ma kienx juri xi interess li jkollhom it-tfal, u kien hemm okkazzjoni meta anke ssuggerilha li jaddottaw tarbija. Il-konvenut spjega li huwa kien ghamlilha dan is-suggeriment peress li huh ma kellux tfal.

“Il-Qorti tosserva li l-premess jista’ jaghti lok ghall-suspetti da parti tal-konvenut li dana kien konxju tal-fatt ta’ l-inferitilita’ da parti tieghu, izda suspetti, u xejn aktar. Ma giex provat b’ mod konkret jew sodisfacneti li dana kien konxju ta’ dan il-fatt qabel iz-zwieg, u wisq anqas ma gie provat li huwa qarraq u inganna lill-attrici biex taghti l-kunsens taghha. Il-fatt li huwa kien irrifjuta li jissottometti ghat-testijiet medici qabel iz-zwieg, ma jikkostitwix prova sodisfacenti li huwa kien jaf li ma setax ikollu tfal. Inoltre, ma jirrizulta bl-ebda mod li huwa esercita raggiri jew artefici dwar dan il-fattur fuq l-attrici. In fine, jigi osservat, li r-rifjut per se da parti tieghu ghat-testijiet medici qabel iz-zwieg u li l-attrici kienet taf b’ dan ir-rifjut qabel iz-zwieg, jimmilita kontra t-tesi ta’ ingann u qerq*; aliter li kieku dato ma non concesso*, l-konvenut gideb u qal lill-attrici li huwa kien ghamel it-testijiet u dawna kienu favorevoli, meta fil-verita’ ma kienx minnu.

“In vista tal-premess, il-Qorti tikkondividi l-konkluzjoni raggjunta mill-abbli perit legali, li din il-kawzali ma tirrizultax sostnuta mill-provi.

*Kundizzjoni futura*

“Illi kawzali ohra promossa mill-attrici u li hi konnessa ma’ dik precedenti hija r-raba kawzali bazata fuq id-dispost tal-paragrafu (g) li tikkontempla bhala raguni valida ghall-annullament il-kaz li “xi wahda mill-partijiet torbot il-kunsens taghha ma’ kondizzjoni li tirreferi ghall-futur.” Din il-kundizzjoni tista’ tkun implicita jew espressa, izda sabiex jikkonfigura dan il-*caput nullitatis* u jivvizzja l-kunsens ta’ parti, jehtieg li jigi pprovat li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens dik il-parti tkun rabtet, b’ att posittiv tal-volonta’, il-kunsens taghha ma’ kondizzjoni li tirriferi ghall-futur, bhal per ezempju, li ma jkollhiex tfal.

“Il-kaz in disamina, ezaminat u valutat fid-dawl ta’ dan il-fattur, jirrikjedi li l-Qorti timxi b’ cirkospezzjoni, tenut kont tal-fatt notorju li x-xewqa li koppja jkollha t-tfal fiz-zwieg hija wahda normali u mistennija minn persuni li ghandhom bejniethom relazzjoni ta’ imhabba. Normali wkoll, jew ahjar naturali, huwa li l-istint matern itendi li jghamel din ix-xewqa jew hegga akbar fil-mara, tant li f’ certu kazijiet, il-fatt li mara ma jkollhiex tfal fiz-zwieg jikkrea tensjoni qawwija u dispjacir kbir fiha, sa’ tal punt li f’ xi uhud tizviluppa f’ fissazzjoni. Huwa f’dan il-kuntest li l-komportament ta’ l-attrici wara z-zwieg meta hija saret taf li ma jistax ikollha tfal mill-konvenut ghandu jigi ezaminat u valutat. Mill-provi jirrizulta li r-reazzjoni taghha filkonfront tal-konvent kienet wahda estrema, tant li r-rifjut da parti tieghu li jilqa’ l-proposta taghha li jirrikorru ghallprocedura ta’ l-inseminazzjoni artificjali wasslitha sabiex tipprecipita l-affarijiet bil-konsegwenzjali separazzjoni de facto wara zmien qasir taz-zwieg. Reazzjoni, li ghalkemm il-Qorti tifhem li kienet temani minn dispjacir kbir li zviluppa f’ rabbja da parti tal-attrici fil-konfront tal-konvenut, izda minn naha l-ohra, tikkonsidera sproporzjonata u ma thoss li kienet gustifikata.

"Dan premess u kkunsidrat, il-Qorti hija tal-fehma li mill-provi ma jirrizultax li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens taghha, l-attrici kienet b' att posittiv, intern jew estern, rabtet il-kunsens taghha mal-kondizzjoni li hija kienet qed tikkonsentixxi bil-kondizzjoni li jkollha tfa. Veru li kien jezisti desiderju qawwi, li huwa sentiment normali, li huma jkollhom it-tfal, izda ma kien hemm ebda kondizzjoni imposta f' dan is-sens. Inoltre, jigi osservat li il-fatt *ut sic,* li l-attrici kkunsidrat l-ahbar ta' l-infertilita' tal-konvenut, bhala "sajjetta fost il-bnazzi" jimplika b' mod qawwi li dina ma kienitx kkunsidrat jew kienet qed tistenna jew ipprevediet is-sitwazzjoni li avverat ruhha li ma setghax ikollha tfal mill-konvenut. Dan jimmilita' kontra t-tesi ta' xi kondizzjoni maghmula minnha f' dan is-sens fil-mument tal-ghoti tal-kunsens.

"In bazi ghal dawn il-konsiderazzjonijiet din il-Qorti ma tikkondividix il-konkluzzjoni raggjunta mill-perit tekniku f' dan ir-rigward, u hija tal-fehma li lanqas dan il-caput nullitatis ma jikkonfigurax f' dan il-kaz.

*Discretio judicii*

"It-tieni kawzali promossa mill-attrici hija bazata fuq difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq id-drittijiet u d-dmirijiet tal-hajja matrimjonjali, u anomalija psikologika kontemplata fil-paragrafu (d) tal-Artikolu. Iz-zewg partijiet qed jimputaw din il-caput nullitatis fil-konfront ta' xulxin. In propositu gie osservat fil-kawza *"App.C. Joseph Spiteri vs George Spiteri [*Vol.LXXXV.II.81]* illi:

> "Jinsab assodat fil-gurisprudenza li jkun hemm difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kemm-il darba jirrizulta li, fil-mument ta'

l-ghoti tal-kunsens, parti jew ohra, tkun priva b' mod sostanzjali, ossia "gravi", minn dik il-fakolta' kritiko-estimattiva jew kritiko-valutattiva dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg; jew minn dik il-maturita' affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Ghalhekk difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju mhux semplicement nuqqas ta' hsieb, jew nuqqas ta' riflessjoni; anqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizjonijiet zbaljati [infatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettamet kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju – *PA [21.11.1995] Emanuel Camilleri vs Carmen Camilleri."*

"Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif ravvizat fl-artikolu 19(1)(d) irid ikun hemm l-inkapacita' psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jagharaf u jirrifletti u li jiddecidi liberament fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali" Konformament mal-premess jigi osservat li sabiex l-azzjoni attrici tirnexxi fuq din il-kawzali, jehtieg li jigi provat sodifacentement li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens , il-partijiet jew wiehed minnhom, kien affett minn difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja matrimonjali u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali li din timporta. *"In altri termini e' necessaria la discrezione non tanto per l' atto in se al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell'atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro." [Bersini - citat fil-kawza PA Angela Spiteri Selvaggi vs Joseph Spiteri deciza 4.11.1994]* L-obbligazzjonijiet essenzjali fil-hajja matrimonjali huma bazati fuq il-kuncett ta' unjoni permanenti, esklussiva u rrevokabbli diretta ghal komunjoni ta' hajja u l-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied. Din il-kapacita' li jassuma dawn l-obbligi ghandha tezisti fiz-zewg partijiet.
*[PA Charles Atkins vs Matilde Atkins deciza 2.10.2003].*

"Fil-kaz in disamina rrizulta sodisfacentement provat li tul ir-relazzjoni li l-attrici kellha mal-konvenut hija kienet sottoposta kontinwament gharrieda u volonta' ta' ommha li kellha karattru dominanti u li kienet tindahal kontinwament fil-hajja ta' l-attrici, sa tal grad li, anke meta l-attrici kienet qaltilha li ma kienitx thobb lill-konvenut bizzejjed biex tizzewgu, ommha esercitat pressjoni morali fuqha bir-rizultat li eventwalment l-attrici cediet u akkwiexxiet biex tizzewweg lill-konvenut.

"Peress li ommha kienet ferhana bir-relazzjoni li l-attrici kellha malkonvenut, kull meta dawn kien ikollhom xi dizgwid "ommi kienet tezercita pressjoni qawwija u kostanti fuqi biex nerga' nirranga." In propositu lkonvenut jghid, inter alia, li "ommha rieditha tiffissa d-data tat-tieg qabel ma konna lesti finanzjarjament. Ommha kienet tiddominaha." F' dan irrigward, il-Qorti tosserva li, ghalkemm kien ikun desiderabbli li kieku giet prodotta omm l-attrici bhala xhud, minn naha l-ohra ma tistax tinjora lkonsistenza tal-attrici fid-deposizzjonijiet taghha, kif ukoll ilkorroborazzjoni derivanti mix-xhieda tal-konvenut. Tenut kont taccirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, il-Qorti hija propensa li taghti affidament lill-versjoni ta' l-attrici f' dan ir-rigward, u konsegwenzjalment tosserva li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens l-attrici kienet psikologikament inkapaci ta' deliberazzjoni ekwilibrata, matura u bil-ghaqal fuq l-import tal-hajja matrimonjali mal-konvenut. Hija kienet priva kemm minn dik ilfakolta' kritiko estimattiva dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, kif ukoll minn dik il-maturita' affettiva fil-konfront tal-konvenut li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett.

"Kif osservat din il-Qorti fil-kawa *PA[PCP] Charles Atkins vs Matilde Atkins [2.10.2003]* il-kunsens moghti fil-kuntratt matrimonjali m' huwiex

dak il-kunsens semplici rikjest filkuntratti in generali ghaliex il-kuntratt taz-zwieg huwa sui generis u ta' ordni pubbliku. Ghaldaqstant il-partijiet mhux jehtieg li jkollhom il-kapacita' li jaghtu dak ilkunsens, izda li l-istess irid jigi moghti bl-aktar mod liberu u xjenti ghal dak kollu li tirrikjedi r-rabta ta-zwieg. Biex ilkunsens taz-zewg partijiet ikun validu jehtieg li dan jkun rizultat ta' att liberu u volontarju. Meta ghalhekk ghal xi raguni jew ohra l-kunsens ma jkunx gie moghti bl-iktar mod liberu u bil-konoxxenza shiha ta' dak li jgib mieghu izzwieg, allura jinholoq dubju dwar il-validita ta' dak il-kuntratt matrimonjali.

"Fil-kaz in disamina jirrizulta, kif korrettament osservat l-perit legali, mankanti l-kunsens liberu u volontarju da parti tal-attrici. Din il-konkluzjoni issib konfort shih fil-fatt li ftit xhur wara li sar iz-zwieg, hekk kif l-attrici rriskontrat problema serja, hija rreagixxiet b' mod immatur u sproporzjonat ghas-sitwazzjoni li pprecipitat billi kecciet lill-konvenut mid-dar u l-koppja sseparat *de facto*. Cirkostanza li turi b' mod lampanti li l-attrici ma kellhiex konoxxenza shiha tad-dmirijiet li l-hajja matrimonjali kienet timporta.

"In vista tal-premess l-Qorti hija tal-fehma li din il-*caput nullitatis* irrizulta sodisfacentment provat fil-konfront ta' l-attrici, izda mhux fil-konfront tal-konvenut li, ghalkemm jidher li l-komportament tieghu ma ghenx sabiex jittaffa l-effett negattiv fuq l-attrici kawzat minn din il-problema, minn naha l-ohra din il-Qorti ma tirravvisa ebda difett ta' diskrezzjoni serju fil-konfront tieghu. Jista' jizdied ukoll taht dan il-kap, li t-tieni parti tal-paragrafu [d] li jikkontempla l-fattur tal-anomalija psikologika mhuwiex sostnut mill-provi fil-konfront ta' l-ebda wahda mill-partijiet.

*Eskluzjoni Posittiva*

"Jibqa' ghalhekk biex jigi kkunsidrat il-kawzali taz-zewg partijiet fil-konfront ta' xulxin bazata fuq id-dispost talparagrafu (f) li jikkontempla l-kaz tal-kunsens vizzjat bis-simulazzjoni, billi parti jew ohra, jew it-tnejn, eskludew b' att posittiv tal-volonta' taghhom, internament jew anke esternament, iz-zwieg fih innifsu, jew xi wiehed mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga. Jinsab ritenut fil-gurisprudenza li l-obbligazzjonijiet essenzjali tal-hajja mizzewga huma dawk ta' l-unjoni permanenti, esklussiva u irrevokabbli diretta ghal komujoni tal-hajja u l-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied.

"Il-Qorti tosserva li mill-provi ma rrizultax li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens xi hadd mill-partijiet issimula l-kunsens tieghu billi eskluda pozittivament wiehed minn dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali tal-hajja matrimonjali. Ghaldaqstant din il-kawzali ma tirrizultax sostnuta.

"Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fit-2 ta' Dicembru 1994 huwa null u bla effett fil-ligi stante li l-kunsens ta' l-attrici mill-mument tal-ghoti tieghu kien vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fit-termini tal-ewwel parti tal-paragrafu [d] tal-Artikolu 19[1] tal-Kap.225."

Hekk ukoll kien gie ritenut f'sentenza ohra ta' din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **"AB vs CDB nee' E"**, deciza fit-30 ta' Ottubru, 2007:

"[c] Qerq – Illi l-attur isostni li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet huwa vizzjat minhabba li kien miksub b' qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista mix-xorti taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewwga, fit-termini tal-paragrafu [c].

"Il-Qorti tosserva li mill-provi ma jirrizultax li xi wiehed mill-partijiet kellu tali kwalita' li fixklet serjament il-hajja matrimonjali, u wkoll li kien gie prattikat qerq minn konjugi fil-konfront tal-konjugi l-iehor biex izomm mistura din il-kwalita'. Jirrizulta biss li l-attur jilmenta li l-konvenuta kienet traskurata, ghazziena u rresponsabbli, liema fatturi ma jirrizultawx sostnuti mill-provi; filwaqt li l-konvenuta tilmenta li l-attur huwa loner, u li kienet tkun dejjem waheda u ma kellhiex support minnu. Il-Qorti tosserva li, anke jekk dato non concesso dan kien minnu, xorta wahda dawn l-elementi ta' prova ma jintegrawx il-caput nullitatis in disamina; ghax tali fatturi jistghu, ficcirkustanzi opportuni, jikkwalifikaw bhala inkompatibilita' ta' karattu li jghati lok ghal separazzjoni personali, imma mhux ghall-annullament taz-zwieg li huwa bazat fuq estremi differenti.

"Inoltre huma relevanti s-segwenti osservazzjonijiet. Illi l-provi jdghajjfu l-allegazzjoni attrici li l-konvenuta hija ghazziena u rresponsabbli; anzi l-provi juru, li dina kienet u ghadha trabbi u tiehu hsieb it-tfal tal-kontendenti, u hadmet biex tipprova issalva z-zwieg taghha. Min-naha tieghu, il-karatteristika ta' loner attribwita lill-attur, tiddghajjef serjament quddiem il-fatt li dana dahal f'relazzjoni extra matrimonjali stabbli meta kien ghadu mizzewweg mal-konvenuta u ghandu tarbija rizultat ta' din ir-relazzjoni adultera tieghu.

"[d] *Discretio judicii* – Illi l-attur isostni li z-zwieg tieghu huwa null peress li l-kunsens taghhom huwa vizzjat f'difett serju ta diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewwga, jew minhabba anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali ta-zwieg.

“Illi l-attur jirid jipprova jikkonvinci lil din il-Qorti li huwa, Accountant bi professjoni, li kellu esperjenza tal-hajja li jkollu guvni ta’ 26 sena li skond hu kien jigri l’hemm u l’hawn, u li kien ikkoabita mal-konvenuta ghal sena shiha, wara li kien iddecida li ‘nissetilja’, ma kienx jaf x’ inhuma rresponsabbilitajiet taz-zwieg ! Il-Qorti tirreagixxi ghal dan, anke wara li semghet lill-attur jixhed, billi tosserva li l-attur falla bil-kbir f’ dan it-tentattiv tieghu. Il-Qorti hija konvinta proprju l-kuntrarju, u cioe’ li fil-mument tal-ghoti talkunsens matrimonjali huwa kien kapaci jgharaf l-obbligi u d-rittijiet tal-hajja mizzewwga u kellu dixxerniment adegwat tar-responsabbilitajiet tieghu. Il-Qorti temmen li l-attur kien konxju tal-fatt li z-zwieg huwa bazat fuq unjoin permanenti, esklussiva u rrevokabbli, bl-iskop talkonvivenza diretta lejn il-ben essere reciproku, prokreazzjoni u trobbija tat-tfal. Di fatti huwa dam jikkonvivi mal-konvenuta ghal certu numru ta’ snin, li matulhom kellhom relazzjonijiet intimi miftuha ghat-tfal, u kellhom zewgt-it tfal, qabel ma ddecieda li jidhol f’relazzjoni extra matrimonjali u jissepara minn ma’ martu.

“Dawn il-fatti jdghajjfu wkoll it-tesi attrici li lanqas il-konvenuta ma kienet taf sewwa x’inhuma l-obbligi konnessi maz-zwieg. Il-provi juru proprju l-kuntrarju; u kienet il-konvenuta li kienet principalment tiehu hsieb u trabbi t-tfal, u li pprovat issalva z-zwieg taghhom nonostante l-inkompatibilita tal-karattru taz-zewg partijiet, liema tentattivi krollaw quddiem u kawza tar-relazzjoni adultera li dahal fiha l-attur.

“In tema legali jigi osservat in propositu li kif assodat fil-gurisprudenza nostrali, la zball jew decizjoni hazina u l-anqas kull stat ta’ immaturita’ ma huma sufficjenti sabiex jintegraw il-caput nullitatis kontemplat fl-ewwel parti talparagrafu precitat. F’ dan il-kaz, l-attur wara li kien ikkoabita mal-konvenuta sena, u wara seba snin taz-zwieg, jghid fid-deposizzjoni tieghu,

li fil-mara li qed jghix maghha llum “nghid issa li I found the quality I wanted in a woman …”; anke jekk dan huwa minnu, fis-sens li l-attur issa sab mara li jhossu aktar kuntent maghha, dan zgur ma jfissirx li fil-mument li zzewweg lill-konvenuta huwa kien affetta minn inkapacita’ psikika li ma sethgax jgharaf u jiddeciedi liberament fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali. Dak iz-zmien ghamel decizjoni, u l-fatt li llum huwa jhoss li ma kienitx ghazla tajba, dan ma jintegrax l-estrem legali in disamina.

“Illi rigward it-tieni parti tal-paragrafu [d] li jikkontempla l-kaz ta’ anomalija psikologika serja, il-Qorti tosserva li din ukoll hija ‘non starter’ stante li minn imkien mill-provi ma rrizulta dan il-fattur.

“[e] Simulazzjoni – Illi l-istess jista’ jinghad ghal din il-caput nullitatis kontemplat fil-paragrafu [f] ta’ l-artikolu precitat li jikkontempla l-kaz fejn fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, il-partijiet jew wiehed minnhom, jeskludi internament u b’ mod posittiv tal-volonta’ tieghu z-zwieg fih innifsu, jew xi obbligazzjoni matrimonjali essenzjali.

“Fil-kaz in disamina, dan ma jirriuzltax, u b’ mod lampanti. Il-provi juru li meta l-partijiet iddecidew li jizzewwgu, wara konvivenza ta’ sena, huma riedu jizzewwgu u ma eskludewx xi obbligazzjoni essenzjali fil-hajja matrimonjali. Huma komplew jikkonvivu flimkien, bhala mara u ragel, issa mizzewwgin, bl-intenzjoni li jibnu familja, u di fatti kellhom zewgt-it tfal. Ma kien hemm xejn simulat – izzwieg kien genwin. Il-qerq ossia t-tradiment sehh seba jew tmien snin wara konvivenza matrimonjali meta l-attur dahal f’ relazzjoni extra matrimonjali ma’ mara ohra.

“[f] Kundizzjoni futura – Illi f’ dan ir-rigward huwa sufficjenti li jinghad li minn imkien ma jirrizulta mill-provi li xi hadd mill-partijiet kien rabat il-

kunsens matrimonjali tieghu ma' kondizzjoni li tirreferi ghal futur. Fil-mument taz-zwieg il-partijiex kienu iddecidew li jizzewwgu u riedu jizzewwgu, u ma rrizultax li l-validita' tal-kunsens taghhom kienet marbuta ma' xi kundizzjoni li kellha ssehh fil-futur.

"In fine hija opportuna l-osservazzjoni li "Iz-zwieg huwa wiehed mill-kuntratti l-aktar essenzjali ghas-socjeta' u bla dubju ta' xejn huwa ta' ordni pubbliku li l-Qorti trid tersaq lejh bl-akbar rispett, ukoll jekk hija sejra thares lejh mill-punto di vista civili biss." Dan bl-iskop li ma jigix annullat zwieg fuq ix-xewqa tal-parti jew partijiet, izda kif hekk inhu xieraq fuq is-serjeta' u l-bazi tar-rekwiziti legali. Ghalhekk jekk l-ghazla singolari jew kongunta tal-partijiet kienet zbaljata, dan m' ghandux iwassal sal punt li z-zwieg jisthoqqlu li jkun annullat. Mod iehor dan il-kuntratt hekk serju, ghax maghmul skond il-ligi u li jikkostitwixxi l-ligi ta' bejniethom [kif hekk jesprimi l-Art.992] jigi stultifikat u rez insinifikanti. Kapaci wkoll jservi ta' pretest ghal kull min izzwieg tieghu ma jirnexxiex biex jannulla kuntratt li jisthoqlu invece jibqa' fis-sehh.

"Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attrici mhijex gustifikata la fil-fatt u lanqas fid-dritt u ma timmeritax li tigi milqugha."

Tenut kont, ghalhekk, ta' dan l-insenjament tal-qrati taghna, il-provi kollha mressqa mill-partijiet ma jwasslux ghan-nullita' taz-zwieg tal-attrici mal-konvenut. Taht il-kap tal-qerq, ma jirrizulta minn imkien li l-konvenut qarraq bl-attrici qabel iz-zwieg. Hi tghid li l-konvenut kellu problema ta' droga u kellu dejn ma' terzi qabel iz-zwieg, u li ma kienetx taf bihom. Dan, izda, ma giex ippruvat minnha. Kienet biss ix-xiehda taghha u ta' ommha li sostnew li l-konvenut inbidel wara z-zwieg u beda jixrob u jidghi u jiehu d-droga. Dwar l-allegat dejn ma' terzi ma gie prodott xejn. Dwar kemm inbidel il-konvenut wara z-zwieg, hemm

sensiela ta’ messaggi bejnu u omm l-attrici li juru precizament il-kontra, li kienet l-attrici stess li ma kienetx qed tkellem lil ommha u li kien il-konvenut li zamm kuntatt mal-familja tal-attrici. Inoltre jirrizulta wkoll li l-partijiet ghexu flimkien ghal kwazi sentejn qabel ma zzewgu, u ma jirrisulta minn imkien li l-kunsens tal-attrici ghaz-zwieg gie miksub b’qerq mill-konvenut. Ghalhekk dan il-kap ma jirrisultax ippruvat.

L-istess jista’ jinghad dwar il-kap ta’ nullita’ taht is-subinciz (g), dak ta’ kundizzjoni futura. Ma rrisulta minn imkien li l-konvenut ghamel kundizzjoni fuq iz-zwieg. L-istess kunsiderazzjonijiet maghmula hawn fuq jistghu jinghadu ghal dan il-kap ta’ nullita’. Il-partijiet ghexu flimkien ghal kwazi sentejn, l-attrici ghenet lill-konvenut jikseb il-karti tieghu mill-Italja, u ma tidher ebda forma ta’ kundizzjoni imposta fuq parti jew ohra li biha l-kunsens gie vvizzjat. Ghalhekk ukoll, dan il-kap qed jigi respint mill-Qorti.

Kwantu ghas-subinciz (d) tal-istess Artikolu, dak ta’ difett serju ta’ diskrezzjoni, il-qorti ssibha difficli tifhem kif wiehed mill-partijiet seta’ kellu dan id-difett serju tant li d-diskrezzjoni ghad-decizjoni dwar iz-zwieg taghhom jirrendi l-istess zwieg null. Hawn si tratta ta’ zewg persuni adulti u maturi li mid-dehra saru jhobbu lil xulxin uwara perjodu jghixu flimkien iddecidew li jizzewgu. Anzi, tant id-diskrezzjoni taghhom ghall-impenn fiz-zwieg kien wiehed matur u posittiv, li meta l-attrici kellha xi tghid mal-familja taghha u kien il-konvenut li zamm kuntatt m’ommha, dan juri li l-koppja kienet qed tiffunzjona sew bhala koppja, u li r-ragel f’dik is-sitwazzjoni kien qed joffri s-“support” tieghu lil martu waqt li ma jaghlaq l-ebda bieb mal-familja taghha. Dan jidher car ukoll fid-dokument esebit mill-konvenut waqt il-kontro-ezami ta’ FB. Omm l-attrici dehret qed tapprezza l-isforz li l-konvenut kien qed jaghmel biex izomm lil martu in kuntatt mal-familja taghha.

Fl-ahhar nett, il-kap ta' nullita' taht is-subinciz (f), dak ta' eskluzjoni pozittiva, ukoll ma jirrisultax ippruvat. Il-Qorti tosserva li mill-provi ma rrizultax li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens xi hadd mill-partijiet issimula l-kunsens tieghu billi eskluda pozittivament wiehed minn dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali tal-hajja matrimonjali. Ir-relazzjoni ta' bejn il-partijiet kienet wahda matura u ta' rispetto u mhabba reciproka, li, izda, spiccat wara ftit snin, bhal ma bosta relazzjonijiet intimi bejn zewg persuni maturi jispiccaw wara ftit snin. F'dan il-kaz il-Qorti ma rat xejn differenti minn kaz sfortunat ta' separazzjoni ta' koppja mizzewga. Dan, izda, ma jfissirx li l-istess zwieg jista' jigi ddikjarat null. Ghalhekk il-Qorti sejra tirrespingi l-azzjoni attrici.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti;
Filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut.
Tichad it-talbiet attrici.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-attrici.

**Antonio G Vella**
**Imhallef**

**Concetta Gauci**
**Deputat Registratur**